Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1493

Kaz Numru 1763

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Anthony Buhagiar

U

Polidano Brothers Company Limited

Dwar tkeccija mill-impjieg Allegata li hija ngusta

Illum ~~8~~ 15 ta' Marzu 2004

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghuta lit-Tribunal Industrijali datat 6 ta' Mejju 2003 mill-Avukat Dr. Christine Bondin li ssotomettiet rikors ghan-nom ta' Anthony Buhagiar fejn talbet li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Anthony Buhagiar maghruf bhala l-appellant kien assistita mill-Avukat Dr. Christine Bondin u ghall-Kumpanija Polidano Company Limited deher Charles Polidano assist minn Avukat Dr. Joanna Vella Cuschieri.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Polidano Company Limited bhala skilled labourer fuq bazi full time ghal zmien madwar sena u nofs u kien imkecci fil-gurnata tas-7 ta' Jannar 2003. Illi tul iz-zmien kollu li kien jahdem qatt ma kellu problemi jew ilmenti u qatt ma inghata twissija ta' kwalunkwe xorta

tant li qeda dmiru sewwa u fil-gurnata tat-tkeccija ma nghatax raguni ghalfejn tkecca u ghalhekk qieghed jitlob li t-tkeccija kienet ingusta.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Anthony Buhagiar gie terminat minhabba l-agir irresponsabbli u serje ta' cirkostanzi li jinkludu li kien jidhol ghax-xoghol fis-sakra kien ikollu riha ta' inbid u s-superjuri tieghu ma kinux ituh xoghol li kien ta' periklu

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi.

Xehed Charlo Farrugia li huwa l-Human Resources Manager tad-ditta Polidano Brothers Company Limited fejn iddikjara illi Anthony Buhagiar kien impjegat bhala Labourer u is-socjeta tatu l-ghajnuna kollha mehtiega anki appruvatlu xahar unpaid leave sabiex jeghleb il-problema tal-alkohol billi attenda programm imma jidher li sewa ghal xejn ghax l-istess Charlo Farugia xamm riha ta' alkohol meta Anthony Buhagiar gie l-ufficju tal-kumpanija qabel il-Milied.

Xehed Emanuel Ingwanez li huwa s-site Manager tal-kumpanija Polidano Brothers Company Limited li qal li kien ixomm riha ta' xorb pero Anthony Buhagiar dejjem ghamel ix-xoghol tieghu

Il-Perit Stephen Tonna jiddikjara illi huwa jahdem bhala Perit mas-socjeta Polidano Brothers Company Limited u kien jaf li kellu problema tax-xorb meta s-Sedqa talbuh sabiex Anthony Buhagiar jiehu xahar leave halli jattendi programm pero wara li gie lura ghax-xoghol ma kienx jaghtih xoghol fuq l-gholi bhala prekawzjoni.

Xehed ukoll Charles Polidano li huwa direttur tal-kumpanija Polidano Brothers Company Limited fejn qal li Anthony Buhagiar gie jarah l-ufficju tieghu u sakemm illarga mill-ufficju u dahal lura rah jixrob direttament mill-flxkun tal-whisky

Xehed ukoll Guido Polidani li huwa foreman mal-kumpanija Polidano Brothers Company Limited fejn qal li Anthony Buhagiar kien jahdem bhala labourer ghal zmien sitt xhur u li gieli kien ifalli mix-xoghol pero xogholu kien jaghmlu.

Xehed ukoll Rodwan Abdel al Salem fejn iddikjara li huwa foreman mad-ditta Polidano Brothers Company Limited fejn qal li x-xoghol li kien iqabbad lill-Anthony Buhagiar kien jaghmlu pero wara li ghamel il-kors fuq ix-xorb kien itih xoghol fil-baxx biss peress li kien jibza iqabblu jaghmel xoghol fil-gholi. Iddikjara ukoll li meta kien ixommu bir-riha tax-xorb kien itih light duties bhal tiknies u affarijiet simili

Xehed Anthony Buhagiar li ddikjara li xogholu kien bhala steel fixer u kien jaghmel dan ix-xoghol fil-gholi u di piu kien jaghmel kull xoghol li kienu jqabbduh.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jemmen illi x-xoghol li Anthony Buhagiar kien jaghmlu u kien jaghmlu sew.

It-Tribunal ihoss illi s-socjeta Polidano Brothers Company Limited ghenet lill-Anthony Buhagiar meta appruvatlu xahar leave hallii jattenti kors ghall-kontra x-xorb.

It-Tribunal jifhem ukoll illi Anthony Buhagiar ghamel minn kollox sabiex jeghleb il-problema li kellu, tant li minn rajgh ghazel li jattendi kors, hemm turi r-rieda tal-istess Anthony Buhagiar.

It-Tribunal qieghed jemmen lill-diversi xhieda meta iddikjaraw illi kienu ixommu riha tax-xorb fuq Anthony Buhagiar specjalment wara li ghamel il-programm.

It-Tribunal ihoss illi Anthony Buhagiar kien irnexxielu jahbi il-problema li kellu qabel ma attenda dak ix-xahar programm u ghamel lill-kulhadd konxju tal-problema li kellu meta gie lura x-xoghol xi haga li ma ghadux jigi kastigat ghax gharaf li kellu problema u ried jaghmel xi haga biex jeghlibha.

It-Tribunal ikkunsidera wkoll diversi aspetti ohra specjalment il-fatt li l-kumpanija ma tatux xi warnings verbali, kif diversi xhieda ma tantx xehdu fil-fond fuq jekk kellu l-problema jew le.

It-Tribunal ihoss illi l-kumpanija setghet mxiet aktar mod kostruttiv u hadet aktar pacenzja ma Anthony Buhagiar stante li xogholu kien jaghmlu tajjeb.

It-Tribunal ihoss pero li s-socjeta kellha ragun li tippreokkupa ruhha minhabba Anthony Buhagiar specjalment minhabba l-fatt li wara li ghamel il-program ma kienx jidher li il-problema kien ghaliba u ghalhekk bil-fors kellhom jaghtuh xoghol fil-baxx u mhux fl-gholi sabiex jipprotegu lill-istess Anthony Buhagiar u lill-haddiema ohrajn.

It-Trinubal ihoss illi fix-xoghol ta' kostruzzjoni specjalment meta qieghed tahdem f'post perikoluz u fil-gholi trid tkun mohhok hemm u ma tistax thalli spazju ghall xi dubbju tal-qadgha tal-haddiem.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Polidano Brothers Company Limited kien gustifikat li jkecci lill-Anthony Buhagiar mix-xoghol ghar-raguni ta' "agir irresponsabbli".

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vince Micallef
Segretarju